**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**SEDUTA NRU 39**

It-Tnejn, 31 ta' Ottubru 2022

Il-Kamra tad-Deputati ltaqgħet fis-Sala tal-Parlament, il-Belt Valletta fis-6.00 p.m.

L-Ispeaker, l-Onor. Anġlu Farrugia, ippreseda.

**ATTENDENZA**

L-Onor. Omar Farrugia* u l-Onor. Joe Giglio kien skużat.

Is-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali l-Onor. Andy Ellul, ~~l-Onor. Omar Farrugia~~* u l-Onor. Beppe Fenech Adami kienu assenti.

**Vide Minuti tas-Seduta 43 tat-Tnejn 7 ta' Novembru 2022.*

**TALBA**

L-Iskrivan tal-Kamra qal it-talba.

**MINUTI**

Il-Minuti tas-Seduta Nru 38 li saret fis-26 ta' Ottubru 2022 kienu kkonfermati.

**KUNSENS GĦALL-ATTI**

L-Ispeaker informa lill-Kamra li l-President ta' Malta għoġbu jagħti l-kunsens tiegħu għal:

**Att Nru XIV tal-2022** – Att tal-2022 li jemenda l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji.

**PERMESS TAL-KAMRA**

Skont ftehim milħuq, membri tal-*media* u d-DOI ngħataw permess jidħlu fil-Kamra sabiex jiġbdu ritratti u filmati waqt l-għoti tal-ġurament tas-Sur Albert Buttigieg.

**RIŻULTAT TAL-ELEZZJONI KAŻWALI**

L-Iskrivan tal-Kamra qara d-Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni Elettorali li ġiet mgħoddija lilu dakinhar dwar ir-riżultat tal-elezzjoni każwali għall-Għaxar Distrett Elettorali li nżammet fit-28 ta' Ottubru 2022 fejn ġie elett is-Sur Albert Buttigieg biex jimtela l-post vakat mis-Sur Robert Arrigo.

## ĠURAMENT TA' LEALTÀ TA' MEMBRU ĠDID

L-Onor. Albert Buttigieg ħa u ffirma l-Ġurament ta' Lealtà minn idejn l-Ispeaker skont l-artikolu 68 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

L-Onor. Albert Buttigieg għamel kelmtejn tal-okkażjoni.

## INFORMAZZJONI MILL-ISPEAKER

L-Ispeaker qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

| | |
|---|---|
| P.L. 750 | Tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 9 li saret lis-Sedja mill-Onor. Karol Aquilina dwar interpellanzi parlamentari mhux imwieġba; |
| P.L. 751 | Tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 10 li saret lis-Sedja mill-Onor. Karol Aquilina dwar interpellanzi parlamentari miżmuma mis-Sedja; |
| P.L. 752 | Tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 11 li saret lis-Sedja mill-Onor. Karol Aquilina dwar Grupp ta' Ħbiberija mal-Parlament tal-Ukraina; |
| P.L. 753 | Tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 12 li saret lis-Sedja mill-Onor. Karol Aquilina dwar crowd barriers madwar il-binja tal-Parlament; |
| P.L. 754 | Rapport tal-parteċipazzjoni tal-Onor. Alex Muscat u l-Onor. Jerome Caruana Cilia fil-Konferenza Interparlamentari dwar l-Istabilità, il-Koordinazzjoni Ekonomika u l-Governanza ġewwa l-Unjoni Ewropea li nżammet ġewwa Praga fl-10 u l-11 ta' Ottubru 2022; u |
| P.L. 755 | Rapport tal-parteċipazzjoni tal-Onor. Randolph De Battista u l-Onor. Robert Cutajar fil-145 Assemblea tal-Unjoni Interparlamentari li nżammet ġewwa Kigali, l-Irwanda, bejn il-11 u l-15 ta' Ottubru 2022. |

## MISTOQSIJIET

Mistoqsijiet ġew magħmula u mogħtija tweġiba orali.

Fis-6.30 p.m. l-aħħar mistoqsija kienet numru 1832 u l-mistoqsijiet l-oħra kollha li dehru fuq l-aġenda ngħataw tweġiba bil-miktub.

## TQEGĦID TA' KARTI

Id-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa, l-Onor. Chris Fearne, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

| | |
|---|---|
| P.L. 756 | Tabella li turi l-imwiet f'Malta maqsuma skont il-kawża tal-mewt fis-snin bejn l-2017 u l-2020, maqsuma skont l-età, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 3341. |

Il-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża, l-Onor. Miriam Dalli, qiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 757 Lista li turi n-numru ta' Reverse Vending Machines allokati f'Ħaż-Żebbuġ, ir-Rabat, Ħad-Dingli, l-Imtarfa u l-Imġarr, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 3185;

f'isem il-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza qiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 758 Kopja tal-Kuntratt bejn l-Awtorità għall-Użu Responsabbli tal-Kannabis (ARUP) u Bajada Investments Ltd għall-kiri tar-Raba' Sular f'Onda Buildings, Triq Aldo Moro, il-Marsa datat 17 ta' Jannar 2022, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 3507;

f'isem il-Ministru għat-Turiżmu qiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 759 Ħames Memoranda of Understanding bejn id-Diviżjoni għat-Tindif u l-Manutenzjoni u l-kunsilli lokali tal-Belt Valletta, Birkirkara, Marsaxlokk, Birżebbuga u ż-Żurrieq, datati 22 ta' Settembru 2022, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 3418; u

f'isem il-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol qiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 760 Tagħrif dwar direct orders/sejħiet pubbliċi li ngħataw lil kumpanija partikolari mid-dekasteru li għalih hu responsabbli l-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol bejn l-2017 u l-2021, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 3419.

## TALBA GĦAR-*RULING*

L-Onor. Rebekah Borg ġibdet l-attenzjoni tas-Sedja illi l-Ministru għat-Turiżmu, l-Onor. Clayton Bartolo, naqas milli jwieġeb għall-mistoqsija parlamentari 3157 li kienet saret lilu diversi drabi.

Is-Sedja ħadet nota tat-talba tal-Onor. Rebekah Borg u qalet li kienet se tagħti *ruling* fi stadju ulterjuri.

## ORDNIJIET TAL-ĠURNATA

L-Iskrivan tal-Kamra qara l-Ordnijiet tal-Ġurnata.

### 1. MOZZJONI BIEX IL-KAMRA TMUR F'KUMITAT TA' PROVVISTA GĦALL-KONSIDERAZZJONI TAL-ESTIMI ĠENERALI TA' SPIŻA GĦAS-SENA 2023 - L-EWWEL JUM IMĦOLLI KOLLU GĦALL-OPPOŻIZZJONI - MOZZJONI NRU 76

Il-Kamra rriżumiet mill-24 ta' Ottubru 2022 id-diskussjoni fuq il-Mozzjoni tal-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol biex il-Kamra tmur f'Kumitat ta' Provvista għall-Konsiderazzjoni tal-Estimi Ġenerali ta' Spiża għas-sena 2023.

Skont il-ftehim milħuq, l-Ispeaker stieden lill-impjegati tal-Public Broadcasting Services (PBS) jidħlu fil-Kamra sabiex jittrasmettu s-seduta b'mod dirett fuq it-televiżjoni. Id-diskors tal-Kap tal-Oppożizzjoni, l-Onor. Bernard Grech, ġie mxandar ukoll bil-lingwa tas-sinjali għal persuni neqsin mis-smigħ.

L-Ispeaker informa li skont il-Mozzjoni Nru 84 tal-25 ta' Ottubru 2022 id-diskors kellu jkun eżenti mil-limitu ta' ħin għad-diskorsi skont l-Ordni Permanenti Nru 49, u li l-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol kellu jkun fit-8.30 p.m.

L-impjegati tal-PBS daħlu fil-Kamra u bdew jaqdu d-dmirijiet tagħhom.

Skont il-ftehim milħuq, il-media ngħatat permess sabiex tiġbed ritratti u filmati għal ftit minuti.

Fis-6.34 p.m., il-Kap tal-Oppożizzjoni, beda d-diskors tiegħu u s-seduta bdiet tixxandar dirett mill-PBS.

Fit-8.30 p.m. il-Kamra qablet li l-ħin allokat, għandu jiġi estiż bi ftit minuti.

Fit-8.34 p.m. il-Kap tal-Oppożizzjoni kkonkluda d-diskors tiegħu u d-diskussjoni baqgħet aġġornata.

L-Ispeaker irringrazzja lill-crew tal-PBS u talabhom jirtiraw mill-Kamra.

**AĠĠORNAMENT**

Fit-8.34 p.m. id-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa ppropona l-aġġornament tal-Kamra għat-Tlieta, 1 ta' Novembru 2022, fis-6.00 p.m. b'din l-aġenda:

**Ordnijiet tal-Ġurnata**

1. Mozzjoni biex il-Kamra tmur f'Kumitat ta' Provvista għall-konsiderazzjoni tal-Estimi Ġenerali ta' Spiża għas-sena 2023 (It-Tieni Jum Imħolli kollu għall-Gvern)

*Skont il-mozzjoni ta' proċedura numru 84 tal-25 ta' Ottubru 2022:*

| | |
|---|---|
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar l-Immigrazzjoni | Tielet Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Ordinanza dwar l-Esplożivi u l-liġijiet varji dwar il-Protezzjoni Ċivili | Tielet Qari |

Id-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa informa lill-Kamra li skont ftehim milħuq, id-diskors tal-Prim Ministru kien se jkun imxandar b'mod dirett mill-Public Broadcasting Services, b'kull stazzjon tat-televiżjoni jew internet service provider jingħata clean feed mill-PBS.

Huwa informa wkoll li d-diskors tal-Prim Ministru kien se jiġi mxandar bil-lingwa tas-sinjali għal persuni neqsin mis-smigħ u li fil-bidu tas-seduta, fotografi u cameramen jitħallew jieħdu ritratti/filmati għal ftit minuti.

Fit-8.35 p.m. il-Kamra aġġornat skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 84 tal-25 ta' Ottubru 2022.

**RAYMOND SCICLUNA**
**SKRIVAN TAL-KAMRA**

**KONFERMATI**

**ONOR. ANĠLU FARRUGIA**
**SPEAKER**